MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 155/2009/1

**Giuseppe Carabott u Dolores Carabott**

**v.**

**Stefania Carabott**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi prezentat fit-18 ta' Frar 2009 li jaqra hekk:
"1. Illi l-atturi jiddetjenu bi qbiela mingħand l-Uffiċċju Konġunt (Dok. A) porzjon raba' denominata ta' Ħal-Ġinwi, Marsaxlokk, kompriż fl-imsemmija qbiela r-razzett bl-isem

mhux uffiċjali ta' "It-Tina Farmhouse", ġia` bl-isem ta' "Rajjes", li jinsab fi sqaq f'Ħal Ġinwi, limiti ta' Marsaxlokk.

"2. Illi l-konvenuta kienet miżżewġa lil Noel Carabott li jiġi bin l-attur Giuseppe Carabott u n-neputi ta' l-attriċi Dolores Carabott, li miet b'diżgrazzja tal-baħar.

"3. Illi l-atturi kienu kkonċedew lill-imsemmi Noel Carabott u l-konvenuta sabiex jabitaw fl-imsemmi razzett, u dan fuq bażi ta' tolleranza u mingħajr ebda titolu kwalunkwe.

"4. Illi wara l-mewt ta' l-imsemmi Noel Carabott, il-konvenuta mitluba sabiex toħroġ u tiżgombra mill-imsemmi razzett baqgħet inadempjenti.

"Għaldaqstant l-esponenti qegħdin bil-qima jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, għar-raġunijiet fuq premessi:

"1. Tipproċedi bid-dispensa tas-smiegħ skond l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

"2. Tiddikjara li l-konvenuta qiegħda tokkupa r-razzett bl-isem ta' "It-Tina Farmhouse", ġia` "Rajjes Farmhouse", Ħal-Ġinwi, Marsaxlokk, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

"3. Konsegwentement tipprefiġġilha żmien qasir u perentorju sabiex toħroġ u tiżgombra mill-imsemmi razzett u tirrilaxxah favur l-atturi battal u vakanti minn kull pussess, u fin-nuqqas li tagħmel dan, li l-esponenti jkunu jistgħu joħorġu l-mandati eżekuttivi opportuni għall-iżgumbrament tagħha mill-imsemmi fond;

"Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali preżentata fit-12 ta' Jannar 2009 u bil-konvenuta minn issa nġunta in subizzjoni."

Rat li fl-udjenza tas-16 ta' Marzu 2009, quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili l-konvenuta talbet li tinghata l-fakolta` li tipprezenta risposta in kontestazzjoni tat-talbiet attrici,

izda l-Qorti, wara li semghet lill-istess konvenuta bil-gurament, cahdet it-talba;

Rat is-sentenza moghtija minn dik il-Qorti dik il-gurnata stess, u cioe` fis-16 ta’ Marzu 2009, li in forza taghha, wara li qieset li l-konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet validi xi tressaq peress li kkonfermat li hija ma kellhiex titolu validu biex tghix fil-fond, laqghet it-talbiet attrici, u ghall-fini tat-tielet talba pprefiggiet terminu ta’ erba’ xhur; bl-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta tal-1 ta’ April 2009 li, in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili datata sittax (16) ta’ Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn laqghet l-ewwel talba attrici u pprocediet ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, u konsegwentement tammetti lill-konvenuta appellanti tikkontesta l-kawza bil-mod stabbilit fil-ligi, u konsegwentement tirrevoka l-istess sentenza inkwantu kkundannat lill-konvenuta appellanti tizgombra mill-fond entro erbgha (4) xhur mid-data tas-sentenza.

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li s-sentenza tigi konfermata fl-intier taghha, peress li kemm fil-meritu, fuq il-fatti kif esposti, u kif ukoll minn aspett guridiku, is-sentenza appellata hija gusta;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta’ Ottubru 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ta’ zgumbrament li nfethet mill-atturi bil-procedura sommarju (hekk imsejjha “bil-giljottina”). Meta tigi uzata din il-procedura specjali, l-konvenut irid jidher fis-seduta li ghaliha ikun imsejjah mill-Qorti, u qabel ma jinghata l-fakolta` li jikkontesta l-kawza, irid jissodisfa lill-Qorti, imqar *prima facie*, li ghandu eccezzjonijiet validi xi

jressaq. Qabel xejn, pero`, il-procedura kif kontemplata fil-ligi trid tigi segwita *ad unguem*, u dan peress li din il-procedura tista twassal ghal decizjoni kontra l-konvenut minghajr ma dan ikollu l-opportunita` iressaq provi biex isostni l-argumenti tieghu in difesa. Dawn ir-regoli jinsabu imnizzla fl-Artikoli 167 *et seq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Fost dawn ir-regoli hemm li l-attur "ghandu" fid-dikjarazzjoni tieghu jiddikjara li safejn jaf hu l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba (ara l-ewwel proviso tas-subartikolu (1) tal-Art. 167). Din id-dikjarazzjoni ma saretx f'dan il-kaz, u l-konvenuta qed isostni li, allura, il-kawza ma setghetx titqies li saret "bil-giljottina", u kellha, f'kull kaz, tithalla tikkontesta l-kawza b'mod normali.

Bhala fatt, jirrizulta li d-dikjarazzjoni li trid il-ligi ma saretx mill-atturi. Huma jargumentaw illi la darba qalu li, fil-fehma taghhom, il-konvenuta ma kellhiex titolu fuq il-fond, kienu, b'mod implicitu, qed ighidu li, skond huma, il-konvenuta trid tohrog mill-fond ghax m'ghandhiex difiza ghat-talba. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Li trid il-ligi hu li l-attur jistqarr bil-gurament li l-parti l-ohra m'ghandhiex difiza, li hi differenti milli tghid li d-difiza tal-parti l-ohra, fil-fehma tal-attur, hija insostenibbli. Kull min jiftah kawza jahseb li ghandu ragun u li l-argumenti tal-parti l-ohra huma bla bazi, imma dan ma jfissirx li, bhala fatt, il-parti l-ohra ma jkollhiex difiza. Li jrid jigi dikjarat mhux li l-eccezzjonijiet tal-konvenut huma, fil-fehma tal-attur, bla bazi, izda li l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet li *prima facie* jimmeritaw trattazzjoni.

Hu principju ta' dritt naturali, li gudikant ma jiddecidix fuq kwistjoni bejn tnejn min-nies qabel ma jisma' liz-zewg nahat u l-provi li jridu jressqu. Qabel ma jasal li jichad is-smiegh tal-provi, il-gudikant irid ikun cert li, ghat-talba ta' wiehed, l-iehor lanqas biss ghandu, kif ighidu l-Inglizi, "a leg to stand on". Fuq dan mhux biss il-Qorti trid tkun sodisfatta, izda l-attur irid, bil-gurament tieghu, jistqarr li anke hu ma jafx li l-parti l-ohra ghandha xi forma ta' difiza. Din id-dikjarazzjoni tant hi importanti, li gie deciz li jekk l-attur, waqt li jinqeda b'din il-procedura, ikun jaf li l-

konvenut ghandu eccezzjonijiet x'jaghti, allura l-uzu ta' din il-procedura jkun abbuziv (ara **Fenech v. Camenzuli**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Ottubru, 1985).

Din id-dikjarazzjoni hi mehtiega mhux bhala formalita`, izda biex il-Qorti tkun certa li min qed jinqeda b'din il-procedura specjali, jaf hu wkoll li ezitu favorevoli tat-talba tieghu hija "a foregone conclusion"; jekk il-Qorti wara li tisma' x'ghandu xi jghid il-konvenut, tasal hi wkoll ghal din il-konkluzjoni, allura tista' tiddeciedi l-kawza minnufih. Izda, jekk l-attur stess m'ghandux dan il-konvinciment morali, allura lanqas il-Qorti ma tista' tibqa' ghaddejja u taghti sentenza minghajr ma taghti cans lill-konvenut iressaq il-kaz tieghu kif imiss.

Hawn mhux kaz fejn certi termini imposti bil-ligi ma jigux segwiti, fejn allura, fid-dawl tal-proviso ghall-Artikolu 169, il-Qorti tista' tkompli tisma l-kaz bil-procedura sommarja, basta tara li d-drittijiet tal-partijiet "ma jigux pregudikati"; din id-dikjarazzjoni min-naha l-ohra <u>tolqot is-sustanza tal-azzjoni</u>, ghax il-konvinciment tal-attur, maghquda ma' dik tal-Qorti, hija l-bazi u l-qofol tal-procedura specjali. Kien, ghalhekk, li din il-Qorti, fil-kawza **Grima v. Camilleri**, deciza fil-31 ta' Jannar, 2003, qalet li "Huwa, pero`, <u>mehtieg</u> biex din il-procedura tigi segwita li l-attur jikkonferma bil-gurament tieghu li l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghalhekk, din il-Qorti tara li s-sentenza tal-ewwel Qorti ghandha tigi annullata, u l-atti mibghuta lura lilha sabiex din tipprefiggi terminu lill-konvenuta biex tressaq l-eccezzjonijiet taghha, u wara tisma' u tiddeciedi l-kaz skond il-ligi. Din il-Qorti trid taghmilha cara li hi mhux qed tippronunzja ruhha fuq it-titolu vantat mill-konvenuta, lanqas *prima facie*, u dan peress li la darba ma giex segwit dak li trid il-ligi biex il-kawza timxi bi procedura sommarja specjali, il-kawza trid timxi bil-procedur normali, b'mod li l-konvenuta <u>bi dritt</u> ikollha l-fakolta` tressaq nota ta' eccezzjonijiet.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuta, billi tilqa’ l-istess, thassar u tannulla s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fis-16 ta’ Marzu, 2009, u tibghat l-atti lura ghal quddiem l-ewwel Qorti sabiex din, wara li tipprefiggi terminu lill-konvenuta biex tressaq in-nota tal-eccezzjonijiet taghha, tkompli tisma’ l-kaz bil-procedura normali, u tiddeciedi l-vertenza skond il-ligi.

L-ispejjez kollha tal-kawza sa issa, inkluz dawk in prim istanza, jithallsu mill-atturi appellati solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------